# Minuti tal-463 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar it-Tnejn 23 ta' Mejju 2016

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici, is-Sur Joseph Buttigieg, il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius, is-Sur John J Pace, is-Sur Brian Spiteri, is-Sinjura Anna Calleja, is-Sur Joseph Agius, is-Sur Joseph Bonniċi u s-Sur Joseph Agius (Is-Sway).

Is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa fis-6.20 ta' filgħaxija u s-Sur Joseph Vella daħal għal-laqgħa fis-6.35 ta' filgħaxija.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ, is-Sinjorina Katrina Busuttil kienet skużata.

Item 2 – Approvazzjoni tal-minuti

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fir-raba' paragrafu ta' paġna 384 u minflok il-kliem '14' jidħol il-kliem '40, Is-Sebħ'.

Fis-6.20 ta' filgħaxija s-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

Il-minuti tal-462 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (Is-Sway).

Item 3 - Punti li joħorġu mill-minuti

Is-Sinjura Anna Calleja rringrazzjat lill-Kunsill peress illi fit-12 ta' Mejju il-Kunsill xegħel il-Mina ta' Hompesch bil-bozoz ħodor, vjola u blu u l-bini tal-Kunsill sabiex jingħata appoġġ lil min ibgħati minn ME CFS Fibromyalgia.

Is-Sur John J Pace staqsa jekk hux ser jitkompla l-programm Kunsill Lokali *Live* fuq Radju Hompesch. Is-Segretarju qal illi l-Kunsill kien għadu ma ġiex mistoqsi mis-Sur

Gordon Caruana jekk il-programm Kunsill Lokali *Live* fuq Radju Hompesch hux ser jitkompla wara li tispiċċa l-iskeda tal-programm.

Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk is-Sinjorina Katrin Busuttil kinitx aċċettat li tkompli bħala ambaxxatriċi lokali għaż-żgħażagħ sakemm is-Sur Matthew Vassallo jagħlaq is-sittax-il sena kif ġie ssuġġerit mid-Dipartiment. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

Is-Sur Joseph Bonnici reġa' semma l-bżonn li jsir *refresh* taż-*zebra crossing* li hemm fi Triq l-10 ta' Settembru. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ser jagħmel ix-xogħol meħtieġ ta' żebgħa fi Triq tal-Labour kif ukoll fi Triq l-10 ta' Settembru u Transport Malta kienet ser tħallas lura l-ammont ta' madwar €7,189.37 lill-Kunsill għal dan ix-xogħol.

Is-Sur Joseph Bonnici staqsa jekk kinitx intbgħatet id-*default notice* lis-Sur David Grech, il-kuntrattur responsabbli mill-ġbir ta' skart fil-lokalità. Is-Segretarju wieġeb fil-pożittiv.

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa r-raġuni għaliex kien waqaf ix-xogħol fil-bandli. Is-Sindku qal illi x-xogħol fil-bandli kien waqaf peress illi kienu qed isiru l-preparamenti sabiex malajr kemm jista' jkun tinħareġ is-sejħa għall-offerti għal xogħol addizzjonali li ser isir fil-ġnien.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi s-siġra li kienet tħawwlet fil-viċinanzi tal-*pelican lights* fi Triq tal-Labour kienet għada ma nqalgħetx. Is-Sur Buttigieg reġa' talab li tinqala' din is-siġra peress illi kienet qed tgħatti d-dawl tal-*pelican lights*.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex tinbidel ir-rotta tal-ħinijiet ta' ġbir ta' skart fil-parti d-dejqa ta' Triq Santa Duminka peress illi kienet qed tinħoloq konġestjoni tat-traffiku.

Is-Sur Joseph Buttigieg irrefera għat-talba li kien għamel sabiex jinbidlu t-tabelli tal-ħinijiet tat-traffiku waqt id-dħul u l-ħruġ tal-istudenti fl-iskola Primarja B u talab li dawn jiġi mibdula fl-iqsar żmien possibbli.

Is-Sur Joseph Buttigieg reġa talab sabiex jinbidlu l-ħinijiet tar-*reserved parking* li hemm għal persuni b'diżabilita fil-viċinanzi tal-iskola Primarja B. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill kien qiegħed jinforma lil Transport Malta dwar it-tibdil propost fil-ħinijiet.

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk ir-*reserved parking* li hemm fi Triq l-Iskola fil-viċinanzi ta' Triq Tumas Dingli kienetx bil-permess. Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) qal illi r-*reserved parking* kienet bil-permess.

Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li jinbidlu t-tabelli tat-traffiku li hemm fi Triq l-Iskola peress illi kienu mgħawġin.

Fis-6.35 ta' filgħaxija is-Sur Joseph Vella daħal għal-laqgħa.

Item 4 - Qari tal-Minuti tas-Sotto-Kumitati

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto-Kumitati.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija TCTC dwar il-korsijiet tal-komputer 4-*Kids* sabiex jiġu organizzati fil-bini tal-Kunsill. Il-kumpanija TCTC talbet sabiex il-Kunsill iħallas it-tqassim ta' fuljetti fi skejjel u fid-djar b'informazzjoni dwar korsijiet tal-kompjuter li mistenni jsiru fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali. Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jiġu organizzati l-korsijiet tal-kompjuter fil-bini tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill kopja tal-protest ġudizzjarju li għamel il-Kunsill lil Vella Group Limited sabiex fi żmien ħmistax-il ġurnata jagħmel ix-xogħol neċessarju u tiġi rranġata Triq il-Grazzji Sqaq Numru 1.

Inqraw ittra u rapport li l-Kunsill irċieva mis-Sur Malcolm Pace dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq is-Santwarju, fejn intalab kumpens tal-ħsara mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien ġie nfurmat illi Dar Sagra Familja għandhom bżonn għajnuna speċjalment finanzjarja u qiegħda tintalab l-għajnuna tal-għaqdiet Żabbarin biex jgħinu lil din id-dar tkompli bil-missjoni tagħha.

Is-Sur Joseph Agius irrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-V18 dwar attivitajiet kulturali li ser jiġu organizzati fil-Belt Valletta fl-okkażżjoni tas-sena li Valletta ser tkun il-Belt Kapitali Kulturali Ewropeja. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa f'dawn l-attivitajiet.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li fl-okkażjoni tal-400 sena anniversarju tal-parroċċa, il-Kunsill jistampa ktejjeb sabiex jitqassam fl-iskejjel ta' Ħaż-Żabbar.

Item 6 - Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv St Peter

Inqraw il-minuti tat-80 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja.

Item 7 - Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar - Marzu 2016. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (Is-Sway).

Item 8 - Approvazzjoni tar-Rapport Annwali Amministrattiv

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena finanzjarja Jannar - Diċembru 2015. Dan ir-rapport ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja.

Item 9 - Rapport tal-Udituri u Ittra ta' Direzzjoni

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport tal-Awditur għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2015 flimkien mal-Ittra ta' Direzzjoni. Kopja ta' dawn id-dokumenti ngħatat lis-Sindku u lil kull Kunsillier. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament ir-risposta għall-*Management Letter.*

Item 10 – Deċiżjoni dwar il-Kuntratti

Offerta għall-Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku (ZLC 3/2015)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-kuntratt għas-servizz ta' manutenzjoni ta' tabelli u sinjali tat-traffiku li għandu mal-Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-Traffiku, ser jiskadi u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded dan il-kuntratt għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Servizz ta' Tindif ta' Toroq mhux Urbani (ZLC 5/2015)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-kuntratt għas-servizz ta' tindif ta' toroq mhux urbani li għandu mas-Sinjura Vincenza Camilleri ser jiskadi u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded dan il-kuntratt għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Ġbir ta' Skart Goff (ZLC 6/2015)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-kuntratt għas-servizz ta' ġbir ta' skart goff li għandu mas-Sur Ronald Bezzina ser jiskadi, u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded dan il-kuntratt għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Item 11 – Skeda ta' Pagamenti

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn id-19 t' April 2016 u t-23 ta' Mejju 2016 li kienet tammonta għal €74,491.22.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar t' April 2016 li kien jammonta għal €54.99.

Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv - Skala 13

Is-Segretarju ressaq quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mill-Bord tal-Intervisti għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv - Skala 13. Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu s-Sinjura Maria Livori hija l-aktar kandidata addattata għal din il-kariga. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjura Maria Livori tigi impjegata mal-Kunsill bħala Uffiċjal Eżekuttiv - Skala 13.

Item 12 - Aġġornament dwar il-Proġett ta' Ġnien il-Kunsill

Is-Sindku informa l-Kunsill illi s-sejħa tal-offerti sabiex jiżdiedu l-faċilitajiet fil-*playing field* kienet ser tinhareg fil-ġranet li ġejjin.

Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk fis-sejħa għal-offerti kienx hemm inkluż li jogħla ċ-ċint tal-bandli li hemm fit-Triq l-Iskola. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

Is-Sinjura Anna Calleja reġgħet talbet sabiex iċ-ċint li hemm fi Triq l-Iskola ikun iżjed għoli biex ħadd ma jkun jista' jpoġġi fuqu peress illi kien qed jinħoloq inkonvenjent għar-residenti.

Is-Sur John J Pace ssugerixxa li issir *changing room* fit-Teatru Grieg.

Ħatra ta' Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għal-xogħlijiet addizzjonali fi Ġnien il-Kunsill

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għal xogħlijiet addizzjonali fi Ġnien il-Kunsill. Dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala Chairperson, mis-Segretarju Eżekuttiv, minn Perit kwalifikat, resident Żabbari preferibilment b'esperjenza fi proġetti simili u minn membru tal-istaff.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-kumpanija JGC, li hija responsabbli mill-*equipment* tal-*playing field* fi Ġnien il-Kunsill kienet qed titlob nofs il-pagament dovut lilha tal-*equipment* peress illi fil-kuntratt kien hemm stipulat illi x-xogħol kellu jitlesta fi żmien tliet xhur. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill

qabel unanimament li jħallas nofs il-pagament dovut lill-kumpanija JGC peress illi x-xogħol fil-bandli kien twaqqaf mill-Kunsill.

Is-Sindku nforma lil-Kunsill illi fi Triq ix-Xgħajra kien sar xogħol ta' tħaffir mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u saret ħsara f'din it-triq. Minħabba f'hekk kien ser isir xogħol ta' *patching* estensiv mill-Gvern Ċentrali.

Is-Sur Joseph Agius talab li jsir xogħol ta' *patching* fi Triq ix-Xgħajra l-parti li tmiss ma Triq il-Kunvent, peress illi kienet sflundat it-triq.

Is-Sindku nforma l-Kunsill illi waqt laqgħa li kellu ma Transport Malta ġie nfurmat illi kien ser isir xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Bormla magħrufa bħala Triq iċ-Ċawsli.

Is-Sur John J Pace talab sabiex jinbidel l-isem ta' Triq Bormla peress illi f'Ħaż-Żabbar diġa kien hemm triq oħra b'dan l-isem.

Is-Sindku nforma l-Kunsill illi kienet saret l-applikazzjoni mal-MEPA sabiex jinghataw il-permessi neċessarji u jinbeda x-xogħol fuq il-proġett tal-Masġar taż-Żebbuġ.

Is-Sindku talab lill-Kunsilliera sabiex jirreġistraw l-ilmenti fil-*front office* u biex dawn l-ilmenti ma jingħatawx direttament lill-ħaddiem tal-IPSL. Dan sabiex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jevalwa l-ilmenti li rċieva u jkun jista' jħejji bl-aħjar mod pjan ta' xogħol għal kull ġurnata għall-ħaddiem tal-IPSL. Is-Sindku qal ukoll illi kien qed jitlob sabiex jinġiebu aktar ħaddiema tal-kumpanija IPSL.

Item 13 - Komunikazzjoni mis-Sindku u Kunsillieri

Is-Sur John J Pace ressaq quddiem il-Kunsill lista ta' lmenti li kien irċieva matul il-programm Radju Hompesch.

Is-Sur John J Pace tkellem dwar l-attivita` Merħba lill-Istaġuni li mistennija ssir fil-21 ta' Gunju li gej.

Is-Sindku qal illi kienet saret applikazzjoni sabiex jinġiebu fondi taħt l-iskema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali.

Is-Sur Brian Spiteri talab lis-Sur John Pace sabiex qabel kull attivita` 'Merħba lill-Istaġuni' jiġi preżentat programm dettaljat u stima finanzjarja tal-attivita` biex din tiġi appruvata mill-Kunsill.

Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) ippropona li l-Kunsill jitlob għajnuna finanzjarja lill-Gvern Ċentrali sabiex isir xogħol ta' titjib fil-bandli ta' St Peter u fil-bandli 'Ġnien Tamara Psaila'. Is-Sur Joseph Agius issekonda u l-Kunsill qabel unanimament li ssir din it-talba.

Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) informa lill-Kunsill li kien ser jiltaqa' mal-kuntrattur *Nexos Street Lighting* sabiex jiġi rranġat id-dawl taz-*zebra crossings* f'Ħaż-Żabbar peress illi uħud minnhom għadhom bla dawl jew għandhom id-dawl bil-ħsara.

Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) talab sabiex tiġi rranġata kurduna mkissra li hemm fi Triq is-Santwarju.

Is-Sur Joseph Vella qal illi kien qed isir xogħol ta' tħaffir fi Triq is-Selq, Triq Agatha Barbara u fi Triq ix-Xgħajra u l-kuntrattur li qed jagħmel dan ix-xogħol mhux qed iħalli aċċess lis-sidien tal-garaxxijiet biex jagħmlu użu mill-garaxx tagħhom. Barra minnhekk t-trinek mikxufin u ta' periklu għas-sewwieqa kif ukoll għall-pedestrians u barra minn hekk mhux qed isir xogħol skont is-sengħa tant li qed isir ħsara fit-toroq fejn qed isir ix-xogħol.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex tiġi rranġata tabella tan-*no parking* li hemm f'Misraħ San Ġakbu li tindika l-ħinijet tas-suq fil-beraħ.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex jiżdiedu t-tabella tan-*no parking* fil-Misraħ li tindika l-ħinijet tas-suq fil-beraħ minħabba l-bejjiegħa li jarmaw f'dan is-suq.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex jiġu rranġati l-bankijiet imkissra li hemm f'Misraħ San Ġakbu.

Is-Sur Joseph Bonnici talab li jsir xogħol ta' rrangar ta' konkos madwar is-siġar li hemm f'Misraħ San Ġakbu.

Is-Sur Joseph Agius talab lill-Kunsill sabiex jiġi rrapurtat periklu li hemm fi Triq tal-Labour kantuniera ma Triq il-Kunsill tal-Ewropa, peress illi hemm għalqa mingħajr ċint, b'fond ta' madwar sular.

Is-Sur Joseph Agius talab li jiġi rranġat kaptell tad-drenaġġ iħabbat li hemm fi Triq is-Santwarju fil-viċinanzi tal-ħanut *Crazy Horse.*

Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) talab li li jingħalqu żewġ kaptelli tal-ilma fi Triq il-Qalb Imqaddsa peress illi dawn il-kaptelli kienu mingħajr użu.

Is-Sur Joseph Bonnici rrefera għall-Ġnien Tamara Psaila u staqsa jekk kienx inħareġ il-*compliance certificate* mill-MEPA. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv. Is-Sur Bonnici issuġerixxa li jsiru pannelli fotovoltajiċi sabiex titħaddem is-sistema tal-eletriku fil-bandli.

Is-Sindku qal li kienet saret it-talba sabiex issir devoluzzjoni tal-bejt taċ-Ċentru Ċiviku lill-Kunsill u jiġi nstallati l-pannelli fotovoltajiċi fuq il-bejt.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex jitnaddfu l-culverts tal-ilma li hemm fi Triq Lia.

Is-Sinjura Anna Calleja pprezentat *flyer* dwar attivita` li ġiet organizzata l-Birgu u talbet sabiex il-Kunsill jorganizza attivitajiet simili f'Ħaż-Żabbar.

Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi kienet ġiet avviċinata mis-Sinjura Pia Farrugia li offriet li kienet lesta li tagħti l-għajnuna tagħha sabiex jiġu organizzati korsijiet tal-ikel.

Is-Sur Joseph Buttigieg informa l-Kunsill illi fid-9 ta' Ġunju kien ser jorganizza *talk* għall-anzjani u l-kelliema ser ikunu l-Ispettur Fabian Fleri u s-Sinjura Raffaella Farrugia *Principal District Nursing Officer* MMDNA. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien ser jagħmel bibita żgħira għall-parteċipanti.

Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill illi l-attivita' għall-anzjani f'Għawdex kienet ser issir fit-5 ta' Lulju 2016. Is-Sur Buttigieg talab sabiex il-Kunsill jipprovdi t-trasport minn Ħaż-Żabbar għaċ-Ċirkewwa għall-anzjani. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (Is-Sway), il-Kunsill qabel unanimament li jipprovdi t-trasport għal din l-attivita'.

Is-Sur Joseph Buttigieg rrefera għat-talba li kien għamel sabiex jinxtraw kotba għal-librerija tal-iskola. Is-Sur Buttigieg qal illi kien ġie avviċinat mis-Surmast tal-Iskola peress illi dawn il-kotba kienu għadhom ma nxtrawx.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fi Triq ix-Xgħajra fil-viċinanzi tal-*Baron Confectionery* kien hemm is-*central strip* imkissra.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex il-Berġa ta' Ħaż-Żabbar terġa tibda tiftaħ kuljum.

Is-Sur Mark Grech talab sabiex issir *give way* fi Triq ix-Xgħajra fil-viċinanzi ta' Triq il-Magħsar.

Is-Sur Mark Grech qal li waqt laqgħa li kellu mas-Surmast tal-Iskola ntalab jressaq quddiem il-Kunsill talba sabiex matul iż-żminijiet tal-Milied, is-siġra tal-Milied tiġi mżejna mit-tfal tal-iskola.

Is-Sur Joseph Vella qal li waqt laqgħa li kellu mas-Surmast tal-Iskola ġie mitlub jressaq quddiem il-Kunsill talba sabiex tiġi organizzata kompetizzjoni għall-aħjar kartolina tal-Milied u din tkun miftuħa għat-tfal tal-iskejjel primarji ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sur Vella qal ukoll illi s-Surmast tal-Iskola talab sabiex il-ġurija li ser tevalwa s-sottomissjonijiet u tagħżel l-aħjar sitt kartolini sabiex jiġu stampati tkun magħżula mill-iskola stess.

Is-Sur Mark Grech talab sabiex il-ġurija li ser tevalwa s-sottomissjonijiet u tagħżel l-aħjar sitt kartolini tkun magħmula minn rappreżentanti tal-Kunsill.

Il-Viċi-Sindku, is-Sur Domenic Agius qal illi kien sar xi xogħol mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fi Triq il-Kapuċċini viċin ir-residenza '*Cherish*' u tkissret il-bankina. Il-Viċi-Sindku talab sabiex il-Kunsill jikteb lill-Korporazzjoni sabiex tiġi rranġata l-bankina.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.00 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-464 laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 20 ta' Ġunju, 2016.

IFFIRMATA

Marc Vella Bonnici
Sindku